MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 24

16 ta' Marzu 2021

Minuti tas-seduta Nru. 24 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar it-Tlieta 16 ta' Marzu 2021 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tal-Ewwel u t-Tieni Parti tas-Seduta Nru. 23, li bdiet fil-15 u tkompliet fil-25 ta' Frar 2021, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1.1. Ma kienx hemm materji mqajma.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 3.1.1. Xogħlijiet f'Dawret it-Tunnara (T/4/7/Vol III)

3.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 3.2.1. tas-seduta preċedenti, fejn il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għax-xogħlijiet li għaddejjin fil-parti ta' Dawret it-Tunnara, bejn Triq is-Sajjieda u Triq it-Trill. Huwa staqsa dwar jekk huwiex ser jinżamm il-wisa' eżistenti tat-triq, kif ukoll jekk hijiex ser issir manutenzjoni fuq il-moll. Permezz ta' imejl datat 12 ta' Marzu 2021, Infrastructure Malta wieġbu li l-linja tat-triq ser tkun bħal dik oriġinali, filwaqt li mhux ser jinbidlu ebda *mains* tad-drenaġġ. Intqal ukoll li parti mill-ħajt tat-triq ser jestendi sar rampa li tagħti għall-moll.

3.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.2.1. Projbizzjoni ta' tipjip fil-bajjiet (B/5/Vol IV)

3.2.2. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għal imejl datat 16 ta' Frar 2021 dwar il-projbizzjoni tat-tipjip fil-Bajja tal-Mixquqa. Huwa staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi wara li dan is-suġġett kiex diskuss fis-Seduta Nru. 11 tad-9 ta' Marzu 2020.

3.2.3. Is-Sindku D. Vella wieġeb illi ġie ikkonfermat li l-Kunsill qabel li huwa favur projbizzjoni totali tat-tipjip, filwaqt li kemm-il darba jkun hemm restrizzjoni parżjali, il-postijiet fejn it-tipjip ikun permess, għandhom jiġu ndikati b'mod li ma jiġux agevolati jew deskriminati stabbilimenti kummerċjali li joperaw fil-bajja.

## 3.3.1. Rampa tal-konkos fir-Ramla tat-Torri l-Abjad (T/4/7/Vol III)

3.3.2. Il-Kunsillier G. Micallef aċċenna għax-xogħlijiet li għaddejjin fuq it-triq imsemmija. Huwa qal li bħala parti mill-istess xogħlijiet saret rampa tal-konkos mar-ramla, li qabel ma kinitx teżisti. Huwa staqsa dwar jekk il-Kunsill huwiex infurmat dwarha.

3.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jintalab tagħrif dwar jekk hemmx permess biex saret ir-rampa in kwistjoni.

## 3.4.1. Xogħlijiet fit-triq tal-Miżieb (T/4/7/Vol III)

3.4.2. Il-Kunsillier G. Micallef rrefera għall-asfaltar mill-ġdid li sar fit-triq imsemmija u staqsa dwar jekk humiex ser isiru *crash barriers* u miżuri oħra ta' sigurtà fiha minhabba li f'ċerti partijiet hemm diżlivell bejn it-triq u r-raba.

3.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb it-tagħrif mitlub.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 12/03/21;
- Skeda ta' Pagamenti – 15/02/21 – 12/03/21;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2021;

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

## 5.1.1. Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet f'Misraħ il-Parroċċa (T/4/10/Vol III)

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat 15 ta' Frar 2021, fejn l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina wriet it-tħassib tagħha għat-tqegħid ta' struttura fil-pjazza li mill-mod kif saret mhux faċli li titneħħa f'okkażjonijiet speċjali. Dan it-tħassib huwa preokkupanti fid-dawl ta' permessi li diġa nħarġu u illi anke jistgħu jinħarġu aktar 'il quddiem.

5.1.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-ittra msemmija hija superfluwa f'dan l-istadju għaliex tali rappreżentazzjoni kellha ssir meta kienet qed tiġi pproċessata t-talba mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif sar minn naħa tal-Kunsill.

5.1.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal illi fir-rappreżentazzjoni li saret minn Transport Malta ma' l-Awtorità tal-Ippjanar intqal li:

*"The Malta Transport Authority reserved the right to remove all street furniture as required for safety reasons and on special occasions.".*

Huwa kompla jgħid li l-*encroachment permit* għat-tqegħid ta' l-imwejjed u siġġijiet jinħareġ mill-Awtorità tal-Artijiet wara li jkun hemm il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar, filwaqt li l-Awtorità

Maltija tat-Turiżmu tiġi notifikata. Kemm-il darba xi waħda minn dawn l-entitajiet timponi kundizzjonijiet, dawn ikunu riflessi fl-*encroachment permit*.

5.1.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jinġiebu kopja tal-kundizzjonijiet marbuta mal-*encroachment permit*.

## 5.2.1. PA 2926/16 – Faċilitajiet għall-*offroading* fil-Barriera tal-Armier (D/2/1)

5.2.2. Saret referenza għal ittra datata 25 ta' Frar 2020 fejn intalbet konsultazzjoni dwar applikazzjoni mressqa lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex il-Barriera tal-Armier tintuża għall-*offroading*. It-talba tinvolvi wkoll spusstjar ta' terrapien, radam, bini ta' ħitan tas-sejjieħ, *chain-link fence*, żewġ xtiebi, *floodlightings*, ġwiebi, uffiċċju temporanju, latrini, u maħżen.

5.2.3. Inġibdet l-attenzjoni li dan il-post diġa jintuża minn xi wħud għall-għan imsemmi. Meta dan isir wara x-xita it-triq timtela' bit-tafal li jinqabad mar-roti, u għalhekk importanti li l-vetturi jinħaslu qabel iħallu s-sit.

5.2.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni *per sè* li jkun hemm sit fejn jista' jiġi pprattikat l-isports tal-*offroading* f'post li huwa diġa degredat bi skavar u depożitu ta' terrapien, iżda kien hemm qbil li għandha titressaq oġġezzjoni abbażi tas-segwenti:

(a) In-nuqqas ta' faċilitajiet għall-ħasil ta' vetturi qabel dawn jinstaqu fit-toroq barra s-sit; u

(b) Li jsir użu tal-post wara nżul ix-xemx, kemm minħabba t-tniġġiż li jsir bid-dwal u l-ħsejjes li jiġu ġġenerati.

## 5.3.1. Rapport mill-*Contracts Manager* (T/4/15/Vol II)

5.3.2. F'din il-parti tas-seduta kien hemm sospensjoni sabiex jintervjeni l-*Contracts Manager* is-Sur Ryan Mercieca, billi kienu ser jitressqu xi punti dwar l-kuntratti li huwa jsegwi.

5.3.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg ilmenta li mhux qed ikun hemm it-tieni ġabra tal-iskart minn Triq Ġorġ Borg Olivier, bir-riżultat illi dak li jinħareġ wara d-9:00am mhuwiex jinġabar. Huwa kompla jgħid li dan jgħodd kemm għall-borża s-sewda u għall-bajda, kif ukoll għall-iskart riċiklabbli.

5.3.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li fil-kuntratt dwar il-ġbir tal-iskart domestiku hemm stipulat li l-iscammel irid jgħaddi darbtejn mid-toroq ewlenin. Huwa spjega li dan il-kuntratt daħal fis-seħħ qabel ir-riforma tal-borża s-sewda u l-bajda, u allura jekk wieħed jimxi miegħu, nhar ta' Tnejn, l-iscammel jrid jgħadd darbtejn għal kull waħda.

5.3.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-fattur tal-frekwenza tal-ġbir tal-iskart fit-toroq ewlenin għandu jiġi emendat fil-kuntratt il-ġdid, għar-raġuni li sal-10:00am nhar ta' Tnejn, l-istess scammel irid imur ibattal biex imbagħad jagħmel dawra oħra għall-borża s-sewda, u għahekk ikun diffiċli li t-toroq ewlenin ikunu koperti b'servizz doppji għaż-żewġ boroż.

5.3.6. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini tenniet li l-*litter bins* fi Triq Selmun mhux qed jitbattlu wara tmiem-il ġimgħa, filwaqt li jidher biċ-ċar li l-kuntrattur mhux jonora l-frekwenza tat-tbattil darbtejn fil-ġimgħa. Ħija qalet li s-servizz tat-tindif tat-toroq rurali mhux qed ikun daqshekk effettiv. Dan huwa evidenti mill-*clean-ups* li jsiru f'toroq bħalma huwa dawk ta' Selmun.

5.3.7. Is-Sur R. Mercieca ħa nota ta' lment skont il-minuti preċedenti.

## 5.4.1. Parteċipazzjoni fi proġett bl-isem SIMASEED (A/3/Vol II)

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 13 ta' Marzu 2021 mibgħut mill-Prof. Joseph Buhagiar mill-Fakoltà tax-Xjenza fl-Università ta' Malta, fejn talab li ssir laqgħa virtwali mal-Kunsill bil-għan li l-lokalità tal-Mellieħa tkun parteċipi fil-proġett imsemmi.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jingħata l-appuntament mitlub.

### 5.5.1. Titjib ta' toroq eżistenti u kostruzzjoni ta' oħrajn ġodda (T/4/7/Vol III)

5.5.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li saret laqgħa fi Triq Ġorġ Borg Olivier u l-parti ta' fuq ta' Triq il-Marfa, bil-għan li jitkompla x-xogħol li kien twettaq fl-2019, fuq l-istess triq fil-parti bejn Dawret il-Mellieħa u Triq l-Erwieħ. Huwa fakkar li parti mill-proġett kellha tiġi sospiża sabiex ma ssir ħsara lill-Kmamar tas-Santwarju sakemm isir ir-restawr tagħhom. Issa li dan intemm, u għalhekk Infrastructure Malta ser ikomplu l-parti li kien fadal, li tinkludi Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq il-Marfa u Triq il-Qalb Imqaddsa. Din il-fażi tinvolvi wkoll titjib u estensjoni tal-*culverts* għall-ilma tax-xita. Huwa fakkar li kienet saret applikazzjoni DNO 718/10 sabiex titwessa' l-bankina fuq in-naħa tal-wied, minn Triq Adenau 'l isfel, bil-għan li tkun tista' takkomoda *bus shelter*. Din it-talba ma baqgħetx tiġi segwita u kienet waqgħet. Is-Sur J. Buttigieg qal li issa forsi jkun opportun li din terġa' issir billi, il-linja tal-bankina quddiem il-lukanda Maritim inħarġet 'il barra u allura dik li l-parti li tinsab 'l isfel minn Triq Adenau tista' tiġi bi drittha. Kien hemm qbil li fil-ftit żmien li fadal sakemm jibdew ix-xogħlijiet ma jkunx possibbli li ssir applikazzjoni oħra.

5.5.3. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li fl-istess laqgħa ssemmiet it-talba li kienet saret mill-Kunsill sabiex issir Triq it-Tabib Joseph Grech Attard. Sar magħruf li din ġiet assenjata lill-kuntrattur sabiex tkun tista' issir ukoll. Jidher li kien hemm diffikultà dwar il-protezzjoni tal-ħajt tal-fortizza u għalhekk saret proposta minn naħa tiegħu sabiex il-blat li jrid jiġi livellat, ma jinqatax eżatt sa taħt il-ħajt tal-fortizza. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll is-Sur L. Darmanin minn Infrastructure Malta, rappreżentant tal-kuntrattur konċernat, is-Sindku D. Vella u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

5.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposti mressqa.

### 5.6.1. Ġbir ta' skart ġġenerat minn ġonna privati (K/6/2/Vol V)

5.6.2. Il-Kunsillier I. Castillo għarraf li hemm domanda minn residenti ta' Santa Marija Estate li jkollhom skart veġitali mill-ġonna tagħhom, fi kwantitajiet żgħar, illi ma jkunx vijabbli li wieħed iġib *skip*. Huwa staqsa dwar jekk dan jistax jiġi nkorporat ma' xi servizz domestiku ieħor li jipprovdi l-Kunsill.

5.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-Reġjun Tramuntana kien qed jaħdem fuq sejħa għall-offerti f'din id-direzzjoni. Huwa ġibed l-attenzjoni li fir-rigward ta' Santa Marija Estate, il-kwantitajiet ta' skart tat-tip imsemmi mhux dejjem ikunu żgħar.

5.6.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li huwa ser iqajjem dan is-suġġett fis-seduta li jmiss tal-Kumitat Reġjonali.

### 5.7.1. Aċċess għar-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji (C/7)

5.7.2. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna li l-aċċess minn Triq l-Erwieħ għaċ-ċimiterju msemmi mhux daqshekk faċli, peress li hemm tliet tarġiet wieqfa. Huwa għaldaqstant ippropona li ssir rampa fl-istess ċimiterju.

5.7.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lid-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali.

### 5.8.1. Lampi tat-triq nieqsa fix-Xatt ta' Santa Marija (E/1/3/Vol III)

5.8.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-parti tat-triq imsemmija, bejn Triq il-Qasab u n-niżla li tagħti għax-xatt. Huwa qal li t-triq tinsab fid-dlam, peress li kien hemm żewġ lampi whip-type li tneħħew biex sar skavar ta' sit numru 184. Huwa ppropona li dawn jerġgħu jitwaħħlu fuq il-bankina.

5.8.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb illi bl-iskavar li sar ittieħdet il-bankina u għallhekk il-lampi kellhom jitneħħew, filwaqt li l-bankina eżistenti saret proviżorjament fuq l-asfalt sabiex jitħalla passaġġ pedonali, u jeħtieġ li titneħħa wara li jitlesta l-bini. Billi x-xogħlijiet fuq is-sit waqqfu, saret *floodlight* temporanja ma' l-aħħar lampa eżistenti bil-għan li t-triq tinxtegħel b'mod temporanju.

5.8.4. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa fuq il-post.

**5.9.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin (T/3/2/Vol XVI)**

5.9.2. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett u ssuġġerixxa li jsiru *raised humps* fi Triq il-Qortin, kantuniera ma' Triq il-Gardell u Triq il-Birwina.

5.9.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li huwa ma jaqbilx li jsiru *raised humps*, peress li dawn jikkawżaw inkonvenjent għar-residenti.

5.9.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li l-*mini-roundabout* tkun elevata mill-kumplament tat-triq sabiex is-sewwieqa iktar ikunu mġielgħa jduru magħha.

5.9.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta sabiex isiru *bollards* fessibbli, fl-istess post fejn kienu saru oħrajn riġidi tal-ħadid xi żmien qabel.

**5.10.1. Triq ġdida bejn Triq it-Tgħam u Triq il-Mitħna l-Qadima (T/4/7/Vol III)**

5.10.2. Il-Kunsillier I. Castillo staqsa dwar x'hemm ippjanat bħala aċċess pubbliku bejn il-binjiet "Country View Flats" u "Miżieb Heights". Huwa qal li fl-istess post hemm ħajt perikoluż filwaqt li d-daħla minn Triq il-Mitħna l-Qadima jeħtieġ li titnaddaf mill-iskart.

5.10.3. Is-Seġretarju Eżekuttiv C. Debono qal li fil-post indikat hemm ippjanat taraġ. Infrastructure Malta ġew mitluba sabiex jagħmlu x-xogħol meħtieġ, billi fil-parti l-kbira tiegħu ngħalaq bil-bini, kif ukoll isir l-asfaltar mill-ġdid fil-parti ta' Triq il-Mitħna l-Qadima, bejn Triq l-Għargħar u Triq id-Deru.

5.10.4. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi verifikat jekk il-ħajt indikat huwiex aċċessi minn Triq it-Tgħam.

**5.11.1. Makkinarju tal-kostruzzjoni fi Triq Dun Franġisk Sciberras (A/6/3/1/Vol 135)**

5.11.2. Il-Kunsillier I. Castillo qal li sid ta' garaxx fi triq imsemmija ma setax idaħħal il-vettura tiegħu fil-garaxx li għandu qrib Triq Sammy Bartolo, peress li qed jarma krejn quddiemu eżatt. Huwa qal li meta jiġri hekk, minn jagħmel użu mill-garaxx għandu jkun infurmat mill-Kunsill minn qabel, permezz ta' tabella li tindika li t-triq ser tkun magħluqa.

5.11.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li bħala proċedura, ir-residenti jiġu nfurmati jumejn qabel, meta tingħalaq xi parti minn triq li ma tinfidx. F'dan il-każ partikulari, ingħata permess biex tingħalaq it-triq, iżda kull parti tagħha baqgħet aċċessibbli minn xi naħa jew oħra. F'dan il-każ minn rama l-krejn kien obbligat jinforma lil min juża l-garaxx bil-mod kif kien ser jarma. Minkejja dan, ittieħdet nota tal-każ partikulari sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-iżviluppatur.

**5.12.1. Ipparkjar fis-service road ta' Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XV)**

5.12.2. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduti Nri. 2 u 10 tas-16 ta' Lulju 2019 u tal-11 ta' Frar 2020, rispettivament, fejn il-Kunsill ma qabilx li għandhom jitwaħħlu l-*bollards* quddiem il-Valyou Supermarket, bejn Triq il-Fortizza u Triq in-Nases. Huwa talab li din id-deċiżjoni tiġi kkunsidrata mill-ġdid, peress li l-linji sofor baqgħu jiġu njorati minkejja l-infurzar li qed isir.

5.12.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar sostniet li hija taqbel mal-introduzzjoni tal-*bollards*, filwaqt li ppproponiet ukoll li d-dħul għas-*service road* isir minn Triq in-Nases biss. Dan bil-għan li l-bibien tal-vetturi tan-naħa tas-sewwieq jiġu man-naħa tal-istess *bollards*, u hekk ikun diffiċli li s-sewwieq joħroġ.

5.12.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Transport Malta sabiex jitwaħħlu *bollards* ftit 'il barra mill-bankina ta' quddiem l-istabbiliment "Valyou", filwaqt li jiġu spusstjati l-linji sofor doppji eżistenti sabiex jiġu 'l barra mill-istess *bollards*.

## 5.13.1. Covid-19 – Ilbies ta' maskri f'parki u ġonna (K/6/3/Vol III)

5.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li fil-Park tal-Familja u postijiet fejn jiltaqgħa l-pubbliku, qed ikun hemm persuni li ma jilbsux il-maskra u lanqas iżommu d-distanza soċjali. Għaldaqstant hija ssuġġieriet li jkun hemm aktar infurzar minn naħa tal-Pulizija tal-Komunità, filwaqt li għandhom jitwaħħlu tabelli ta' twissija lin-nies li jiffrekwentaw dawn il-postijiet.

5.13.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti msemmija.

## 6.1. Immaniġġjar tal-parkeġġ fl-Għadira (P/5/8/G)(A/6/7/5)

6.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li l-parkeġġ imsemmi wasal fi stadju avvanzat u mistenni jiġi nawgurat fi ftit tal-jiem oħra. Mill-kuntatt li kien hemm mal-awtoritajiet kompetenti, irriżulta li l-Kunsill Lokali huwa l-istituzzjoni idonja biex tmexxi l- perkeġġ, għalkemm l-amministratur tal-art hija l-Awtorità tal-Artijiet. It-triq li twassal għal dan huwa tramite l-proċess ta' devoluzzjoni.

6.3. Is-Sur D. Vella kompla jgħid illi minkejja l-kuntatti li saru s'issa, għadu mhux magħruf jekk it-termini tad-devoluzzjoni humiex ser jippermettu lill-Kunsill jgħaddi l-immaniġġjar tal-parkeġġ lill-privat, bil-għan li jkun hemm introjtu primarjament intiż għall-manutenzjoni tiegħu.

6.4. Is-Segretarju Eżekuttiv, ġibed l-attenzjoni li l-proċess tad-devoluzzjoni jkun jinvolvi l-aspett finanzjarju fit-tmexxija tal-parkeġġ, u allura jkun ċar mill-ewwel jekk l-Awtorità tal-Artijiet tkunx ser tagħti d-dritt li jintalab ħlas għall-użu tal-parkeġġ.

6.5. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unaniment li għandha ssir talba għad-devoluzzjoni tal-parkeġġ, sakemm l-Awtorità tal-Artijiet tippermetti dħul raġġjonevoli għall-użu tal-post skont il-kalkoli li jsiru parti mill-applikazzjoni.

## 7.1. Konsultazzjoni dwar l-ikkampjar, *caravanning,* u *picniking* (P/5/4/Vol II)

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għas-sejħa li saret mill-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ippjanar, dwar konsultazzjoni pubblika rigward is-suġġett. Huwa aċċenna wkoll għad-dokument ippubblikat mill-istess awtorità, li ġie mgħoddi lill-membri kollha tal-Kunsill mal-aġenda ta' din is-seduta. Ingħatat ħarsa wkoll għall-fatturi ewlenin marbuta mal-lokalità f'dak li jirrigwarda l-ikkampjar u l-*caravans* mill-esperjenzi passati u attwali.

7.3. Id-diskussjoni kienet ibbażata fuq il-fatt li l-lokalità tal-Mellieħa hija żona ewlenija għal attivitajiet ta' rikrejazzjoni fil-beraħ, li ġġib magħha pressjoni kbira fuq it-tmexxija ta' dawn il-postijiet u l-infurzar tal-liġi. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li żidiet staġjonali fil-popolazzjoni jitolbu żieda fl-infiq għat-tindif u l-ġbir tal-iskart, mingħajr ebda kumpens għal dan il-piż finanzjarju mill-Gvern Ċentrali, abbażi ta' popolazzjoni li m'għandhiex ir-residenza ordinarja tagħha rreġistrata fil-lokalità. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-lokalità qed tikkontribwixxi għal aktar mis-sehem ġust tagħha fir-rigward ta' żoni ta' rikrejazzjoni, meta mqabbla ma' lokalitajiet oħra. Il-Kunsill kien tal-fehma li piż bħal dan għandu jinfirex b'mod uniformi fuq lokalitajiet oħra li għandhom karatteristiċi simili. Issemma li l-lokalità tal-Mellieħa diġa għandha fiha:

(a) Kmamar / *boathouses* at Ramlet il-Qortin, l-Armier iż-Żgħir, ir-Ramla tat-Torri l-Abjad; u

(b) L-Għadira Caravan Site; u

(ċ) Erba' żoni ta' kampeġġ amministrati mill-Kunsill Lokali, skont *Bye-Laws* S.L. 363.143.

7.4. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi enfasizzat li l-Għadira Caravan Site u żoni mdaqqsa fit-tliet żoni ewlenin fejn inbnew il-kmamar, oriġinarjament kienu bdew jiġu okkupati minn *caravans* bir-roti, li sussegwentement inbidlu fi strutturi permanenti.

7.5. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kunsill ma qabilx li jiżdiedu siti oħra għall-*caravans*, filwaqt illi sostna li għandu jibqa' josserva l-*policy* tiegħu kontra l-ħruġ ta' permessi għall-ipparkjar ta' caravans f'żoni ta' parkeġġ maġenb il-bajjiet l-aktar mfittxija u nħawi oħra fil-lokalità, inkluż il-

kosta. Din il-prattika għaddejja f'parkeġġi għal bosta xhur matul is-sena, għad-detriment tal-pubbliku li juża t-trasport privat, li jokkupa l-ispażju għal jum wieħed biss. Dan huwa detrimentali wkoll għal-lukandi u ristoranti, bħal fil-każ taċ-Ċirkewwa, Marfa/Ramla ta' Kejli; u l-Bajja tal-Mistra. Il-Kunsill qabel li s-sit għall-*caravans* / ikkampjar kummerċjali f'Daħlet ix-Xmajjar / Ramla tat-Torri l-Abjad huwa kontribuzzjoni biżżejjed f'dan ir-rigward.

7.6. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonsolida dak li nkiseb s'issa bit-tmexxija tas-siti għall-ikkampjar eżistenti fl-Aħrax tar-Ramel, l-Aħrax tat-Tunnara, u l-Aħrax tat-Tunnara, liema postijiet ħarġu mill-abbozz tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Marfa, ippubblikat lura fl-2002. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li l-art fil-Qortin it-Twil (Armier) tintuża bħala alternattiva għat-tliet żoni msemmija matul l-istaġun tal-kaċċa, għal raġunijiet ta' sigurtà. Il-Kunsill adotta l-proposta tal-Pjan ta'Azzjoni għall-Marfa, mingħajr ma wettaq interventi fuq dawn is-siti, madankollu introduċa l-*Bye-Laws* S.L. 363.143 biex jirregolaw attività bħal din u tippermetti l-użu sikur tas-siti msemmija li huma ffrekwentati mil-*picnikers*, *campers*, u l-kaċċaturi. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-iffullar qed jiġi kkontrollat permezz tan-numru ta' permessi li jinħarġu, partikolarment meta jaħbtu *long weekends*, vaganzi tat-tfal tal-iskola fil-perjodu Novembru / Mejju. Il-permessi qed jinħarġu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-permess għandu jiġi muri kemm-il darba jkun mitlub mill-Pulizija u/jew mill-Uffiċjali tal-Komunità;

(b) Is-sit okkupat għandu jkun strettament dak indikat fuq il-permess;

(c) M'għandha ssir l-ebda ħsara lill-ħitan tas-sejjieħ, siġar u pjanti li jikbru fl-inħawi biex jiġi armat il-kamp, jew biex jingħata aċċess għall-vetturi, filwaqt li meta tintemm l-attività, il-post għandu jitħalla fl-istat oriġinali tiegħu;

(d) Aċċess bil-vetturi u pparkjar fiż-żona tal-ikkampjar huwa pprojbit u għalhekk dan jista' jsir biss fit-triq jew fil-parkeġġ.

(e) M'għandux jitqabbad nar jekk mhux kontenut f'reċipjent apposta, taħt is-superviżjoni ta' min jifforma parti mill-grupp kopert bil-permess. Bħala prekawzjoni għandu jkun hemm tagħmir għat-tifi tan-nar;

(f) L-iskart iġġenerat waqt l-attività għandu jitħalla fil-*bins* provduti fuq il-post. Fin-nuqqas tagħhom, l-iskart għandu jintrema bil-mezzi li tippermetti l-liġi u fl-ebda każ m'għandu jitħalla fuq il-post;

(g) L-użu ta' *generators/loudspeakers* u l-preżenza ta' *pets* m'għandux jikkawża inkonvenjent lill-terzi. Danni kkawżati bl-użu ta' xi *generator* ikunu responsabilità tal-organizzaturi;

(h) Il-permess ma jagħtix l-esklussivita' fl-użu tal-area;

(i) Il-permess jista' jigi revokat kemm-il darba tinħass il-ħtieġa;

(j) Hemm multa ta' €70 għal kull min jikser xi waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet tal-permess.

(k) Għandhom jiġu segwiti d-direttivi marbuta mal-Covid-19 maħruġa mis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika applikabbli fid-data/i koperta/i bil-permess li jistgħu jiġu mniżżla mis-sit: https://deputyprimeminister.gov.mt/en/health-promotion/covid-19/Documents/mitigation-conditions-and-guidances/Obligatory_Conditions_And_Guidlines_For_Camping_And_Campsites.pdf

7.7. Il-Kundizzjoni (e) hija maħsuba biex tipprevjeni nirien fl-imsaġar tal-Aħrax. Kien hemm qbil li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu *fire hydrants*, bħala miżura ta' sigurtà għall-ħarsien tal-imsaġar fl-inħawi tal-Aħrax u l-Miżieb. Barra minn dan, iż-żona għandha tkun sorveljata minn gwardjani biex jiċċekkjaw u jedukaw kontra prattiċi abbużivi.

7.8. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni skont il-punti mressqa aktar 'il fuq.

**8.1. Sejħa għall-kwotazzjonijiet MLC 1/2021 – Trasport għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li s-sejħa għalqet fit-2 ta' Marzu 2021, filwaqt li rriżulta li kien hemm seba' offerti kif jidher hawn taħt:

| Nru. tal-Offerta | Offerent | Offerta Finanzjarja Eskuża l-VAT |
|---|---|---|
| 149966 | Paul Cardona | €9,900 |
| 149956 | eCabs Co. Ltd | €10,000 |
| 149951 | Jason's Cab Service & Car Rental Leasing Ltd | €11,200 |
| 149871 | Irideto Ltd | €6,560 |
| 149858 | Leone Grech | €7,200 |
| 149665 | Transport for Disabled Persons | €9,920 |
| 149592 | Meet Garage Ltd | €9,720 |

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ra s-sottomissjonijiet li saru u qed jirrakkomanda li l-kuntratt jingħata lill-offerent Irideto Ltd, li kien konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fid-dokument tal-offerta, kemm mill-aspett amministrattiv, kif ukoll mil-lat tekniku, filwaqt li l-offerta finanzjarja tiegħu kienet l-inqas waħda fost dawk li baqgħu eliġibbli.

8.3. Il-Kunsill approva l-iffirmar tal-kuntratt relattiv ma' Irideto Ltd abbażi tar-Rapport ta' Evalwazzjoni datat 5 ta' Marzu 2021.

**9.1. Rendikont finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2020 (F/1/1/Vol IV)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Diċembru 2020 kien jammonta għal €1,434,995, kontra nefqa ta' €1,350,026, u hekk irriżulta bilanċ pożittiv ta' €84,969.

9.3. Spjega li l-Assi Kurrenti (*Current Assets)* żdiedu tul id-disa' xhur koperti b'dan ir-rapport u kien jammontaw għal €1,486,317 - tnaqqis ta' €90,847 fuq ta' Settembru 2020. Dawn kienu jikkonsistu f'€1,486,317 flus miżmuma f'kontijiet bankarji; €203,145 kien l-ammont li l-Kunsill kellu jdaħħal; u €28,083 huma stokks ta' kotba.

9.4. Il-*Current Liabilities* telgħu fil-livell ta' €1,179,636 (Settembru 2020 - €971,292). Dawn jikkonsistu minn:

- kontijiet pendenti *(Payables)* li jidhru fuq il-kotba, kif ukoll
- stima ta' spejjeż *(accruals)* marbuta ma' servizzi jew materjal mixtrija li kienu għadhom ma jidhrux fuq il-kotba.
- Kien hemm ukoll *Deferred Income* ta' €247,785. Dan jirrappreżenta ftehim dwar għotjiet li l-Kunsill iffirma ma' entitajiet differenti b'rabta ma' proġetti li jew għandhom fi stat ta' implementazzjoni, jew l-proċeduri amministrattivi għandhom ma ġew konklużi. Element ewlieni fid-*deferred income* huma fondi Ewropej marbuta mal-Batterija ta' Westreme (Mużew tat-Tunnara), fost oħrajn.

9.5. Ġie spjegat li meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija, jirriżulta li l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja kien ta' 63% - żieda ta' 6% fuq il-perċentwali reġistrat fil-kwart preċedenti.

9.6. F'dak li jirrigwarda *Plant and Equipment,* bejn Jannar u Diċembru, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €305,762 ta' Assi Permanenti (*Fixed Assets),* filwaqt li *Disposals* kien hemm €4,161.

9.7. Il-valur oriġinali tal-Assi Permanenti *(Fixed Assets)* kollha akkwistati sal-aħħar ta' Settembru 2020 kien ta' €9,608,000, li meta wieħed jikkalkula d-deprezzament fuqhom sa tmiem l-istess xahar, il-valur tagħhom fil-kotba (*Net Book Value)* kien ta' €2,295,520.

9.8. Wara l-ispjegazzjoni li ngħatat, il-Kunsill approva r-rappart u talab li dan jiġi mtellgħa fis-sit elettroniku tal-Kunsill kif mitlub.

**10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 12 ta' Marzu 2021.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-16 ta' Jannar u t-12 ta' Marzu 2021.

10.5. Il-Kunsill approva l-akkwist u_l-pagamenti kollha fiż-żewġ skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Bi ftehim bejn il-membri eletti preżenti, is-seduta spiċċat fid-09:30 pm u l-Kunsill aġġorna għal nhar it-Tnejn 12 ta' April 2021 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**